**21 ta' Frar, 1996**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL. D. - President**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Joseph Grech

*versus*

Avukat Ġenerali

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Liberta' Personali - Liberta' Provvisorja - Smigh Xieraq - Żmien Raġonevoli - Qorti - Provi - Inkwinament tal- - Suspett Raġonevoli**

*Ir-rikorrent kien ġie arrestat u miżmum taħt arrest preventiv pendenti l-ġudizzju kriminali. Ir-rikorrent allega vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tiegħu għal-liberta' personali taħt l-artikoli 5 (3) u 5 (4) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Iċ-ċaħda tal-liberta' provvisorja pendenti l-ġudizzju kriminali ma twassalx dejjem għall-ksur tad-dritt fondamentali għal-liberta' personali. Għalkemm il-Qorti trid dejjem iżżomm quddiem għajnejha li l-imputat huwa preżunt innoċenti sakemm ma jinstabx ħati, il-Qorti trid tqis il-fatturi kollha inerenti għall-każ meta tiġi biex tiddeċidi għandhiex takkorda jew le l-liberta' provvisorja, fosthom jekk hemm suspett raġonevoli, il-perikolu ta' l-inkwinament tal-provi, il-perikolu li r-rikorrent jaħrab jew jinħeba, il-gravita' tar-reat u l-preċedenti penali tar-rikorrent. Jekk il-kawża ma tinstemax fi żmien raġonevoli allura l-imputat ikollu dritt jesiġi li jinħeles taħt liberta' provvisorja. Pero' x'inhuwa żmien raġonevoli jiddependi mill-fattispeċje ta' kull każ u ċertament f'dan il-każ ma kienx hemm ħjiel li l-kawża damet żmien aktar milli huwa raġonevoli biex tinstema'.*

*Inoltre lanqas kien fondat l-ilment tar-rikorrent li ma kienx hemm Qorti li setgħet tivverifika l-legalita' u r-regolarita' ta' l-arrest preventiv tiegħu. Fil-fatt id-diversi applikazzjonijiet tiegħu għal-liberta' provvisorja ġew regolarment mismugħa u deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati.*

Il-Qorti:-

Din hi kawża li fiha qed tiġi allegata vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ta' bniedem kontra l-arrest abbużiv u llegali. Ir-rikorrent qed jappella minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq rikors li fih allega li nkisru l-jeddijiet tiegħu mħarsa bl-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem. Is-sentenza appellata hekk tgħid:

"F'dan ir-rikors ir-rikorrent qiegħed jgħid li nksiru l-jeddijiet tiegħu mħarsa bl-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem;

Il-fatti li wasslu għal dan ir-rikors huma dawn. Ir-rikorrent huwa akkużat bi ksur ta' disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (kap. 101) u jinsab arrestat. Kien hemm rinviji mill-Avukat Ġenerali u għalhekk il-proċeduri ħadu xi żmien li matulu r-rikorrent baqa' arrestat. Għamel aktar minn rikors wieħed biex jingħata l-liberta' provvisorja iżda dawn kienu kollha miċħuda u r-rikorrent baqa' arrestat. Meta ppreżenta r-rikors kien ilu arrestat seba' xhur;

Ir-rikorrent qiegħed jgħid li ċ-ċaħda tal-liberta' provvisorja tikser id-dritt tiegħu għall-proċeduri fi żmien raġonevoli jew għall-ħelsien mill-arrest waqt li jkunu għaddejjin il-proċeduri, kif irid l-artikolu 5 (3):

"(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta' dan l-artikolu (i.e. sabiex jinġieb quddiem l-Awtorita' legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li jkun għamel reat jew meta jitqies raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li jagħmel reat jew li jaħrab wara li jkun għamel (reat) għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita' setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għall-proċeduri fi żmien raġonevoli jew għall-ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanzija biex jidher għall-proċeduri";

tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, illum inkorporata fil-Kap. 319

tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent qiegħed jgħid ukoll li ma tħarisx l-artikolu 5(4):

"(4) Kull min ikun ipprivat mil-liberta` tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalita` tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn Qorti u l-liberta` tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skond il-liġi";

ta' l-istess Konvenzjoni billi "ma teżistix Qorti li għandha l-funzjoni hemm speċifikata li teżamina l-legalita` tad-detenzjoni" malajr;

Ir-rikorrent għalhekk għamel dawn it-talbiet:

Li l-Qorti tiddikjara li nkiser id-dritt tiegħu għal-liberta` skond l-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni fil-parti fejn dan l-artikolu jiggarantixxi proċeduri fi żmien raġonevoli jew ħelsien mill-arrest;

Li l-Qorti tagħtih dawk ir-rimedji li jagħmlu għall-każ u tagħtih ukoll il-liberta` li għaliha għandu dritt;

Li l-Qorti tiddikjara li hemm ksur ukoll ta' l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni għax ma teżistix Qorti li għandha l-funzjoni li teżamina malajr (*speedily*) il-legalita` tad-detenzjoni; u

Li l-Qorti tagħtih kumpens xieraq għal dawn il-vjolazzjonijiet;

L-ewwel ilment tar-rikorrent hu li ma tħarisx l-artikolu 5 (3) tal-Konvenzjoni li jagħtih il-jedd jew li l-proċeduri penali kontrih isiru fi żmien raġonevoli" jew li jingħata l-liberta` sakemm idumu mexjin dawn il-proċeduri. Qiegħed jgħid li l-proċeduri ħadu żmien aktar milli hu raġonevoli u, matul dan iż-żmien kollu, ma ngħatax

il-liberta`;

Għalhekk il-kwistjoni hi jekk iż-żmien li ilhom għaddejjin dawn il-proċeduri jistax jitqies żmien raġonevoli;

Ir-rikorrent qiegħed jgħid li l-kriterju ta' x'inhu żmien raġonevoli għandna nsibuh fid-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li, fil-fehma tiegħu, kienu interpretati u applikati ħażin mill-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali li ppermettiet li l-proċeduri jdumu daqshekk u ċaħditlu t-talbiet għal-liberta` provvisorja. Fil-fehma tar-rikorrent, li kieku dawn id-disposizzjonijiet tħarsu, il-proċeduri kienu jimxu b'aktar ħeffa. Il-fatt li l-proċeduri damu aktar *milli jrid l-istess Kodiċi Kriminali jfisser li ħadu żmien li mhux* raġonevoli għax huwa itwal milli trid il-liġi;

Din il-Qorti tifhem li l-artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jrid li ħadd ma jkun imċaħħad mil-liberta` tiegħu jekk mhux fil-każijiet eċċezzjonali msemmija fl-istess artikolu u "skond il-proċedura preskritta mil-liġi". Madankollu, tifhem ukoll li mhux il-kompitu tagħha li tara jekk il-Qorti b'ġurisdizzjoni kriminali applikatx tajjeb il-liġi tal-proċedura penali; l-interpretazzjoni tal-liġi penali hija l-kompitu tal-Qrati b'ġurisdizzjoni kriminali, mhux ta' din il-Qorti, li mhix Qorti ta' appell kriminali. Il-kompitu ta' din il-Qorti hu li tara jekk il-konsegwenzi ta' dik l-interpretazzjoni tal-liġi penali jmorrux kontra d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja. Id-disposizzjonijiet tal-Kap. 319 huma ġerarkikament ogħla mid-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk jista' jkun li l-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali applikat sew il-liġi penali u xorta kisret dritt fondamentali tar-rikorrenti; min-naħa l-oħra *applikazzjoni żbaljata tal-liġi penali ma twassalx neċessarjament* u inevitabbilment għall-ksur tad-drittijiet fondamentali; fi kliem ieħor,

il-korrettezza o meno ta' l-interpretazzjoni tal-liġi penali hija irrelevanti għall-kwistjoni quddiem din il-Qorti, li għalhekk tista' taqdi d-dmir ġurisdizzjonali tagħha mingħajr il-ħtieġa li tiżurpa funzjonijiet li mhumiex tagħha. Mela, il-kwistjoni quddiem din il-Qorti hija biss din: jekk il-proċeduri kontra r-rikorrent ilhomx sejrin aktar milli hu raġonevoli;

Il-kriterju ta' x'inhu raġonevoli mhux wieħed astratt jew awtomatiku, fis-sens li, jekk il-proċeduri jdumu aktar minn "*tant*" xhur, ikunu *ipso facto* damu żmien mhux raġonevoli. Jekk iż-żmien li damu għaddejjin il-proċeduri hux raġonevoli jew le jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari, b'mod li żmien li jista' jitqies raġonevoli f'każ wieħed jista' jitqies mhux raġonevoli f'każ ieħor;

Naturalment, il-kriterju taż-żmien irid jitqies ukoll fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jistgħu jiġġustifikaw l-arrest. Is-setgħa ta' l-awtoritajiet li jarrestaw bniedem hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali favur il-liberta' u tista' tingħata biss jekk ikun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikawha. Fi kliem ieħor, jekk ma jkunx hemm, jew jekk ma jibqgħux jeżistu, dawn iċ-ċirkostanzi, kull żmien li bniedem jinżamm miċħud mil-liberta', ukoll jekk ikun żmien qasir ħafna, ma jistax jitiqes bħala żmien raġonevoli;

Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent qed jinżamm arrestat għax hemm suspett li għamel reat;

Kif osservat il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Letellier (sentenza mogħtija fis-26 ta' Ġunju, 1991 fl-ismijiet **Letellier *versus* Franza**), dan is-suspett huwa meħtieġ, għalkemm, wara xi żmien, mhux biżżejjed, sabiex bniedem jista' jinżamm arrestat. Ma jidhirx li kontra r-rikorrent m'għadx hemm dan is-

suspett u għalhekk għall-inqas din il-ħtieġa *sine qua non* hija mħarsa;

Kif ġa' ngħad, iżda, dan is-suspett waħdu ma jibqax biżżejjed wara li jgħaddi ż-żmien. Li trid tara din il-Qorti issa hu jekk hemmx ċirkostanzi li, flimkien mas-suspett, huma biżżejjed biex jibqa' arrestat ir-rikorrent u jekk ukoll, bil-ġustifikazzjoni ta' dawn iċ-ċirkostanzi, għaddiex wisq żmien li r-rikorrent ilu mċaħħad mil-liberta'. Dan l-aħħar eżami huwa meħtieġ għax jista' jkun li hemm ċirkostanzi li jiġġustifikaw il-fatt li l-proċess kriminali għadu għaddej, iżda mhumiex gravi biżżejjed biex jiġġustifikaw li l-arrest jitkompla wara ċertu żmien. Għalhekk, biex tara jekk id-dewmien hux "raġonevoli", il-Qorti trid tqis mhux biss id-dewmien fih innifsu u ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-arrest, iżda anke r-relazzjoni bejn id-dewmien u dawn iċ-ċirkostanzi, li tista' tinbidel iktar ma jgħaddi ż-żmien;

Sabiex tara kif dawn il-prinċipji jolqtu lill-każ tal-lum, il-Qorti sejra issa tqis l-*iter* tal-proċeduri kontra r-rikorrent u tat-tentattivi tiegħu biex jingħata l-liberta' provvisorja;

Ir-rikorrent, flimkien ma' Tracey Borg, tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-2 ta' Frar, 1995 akkużat: (1) li kellu pussess ta' l-eroina kontra l-liġi; (2) li qassam din id-droga lil persuni oħra u dan għamlu anqas minn mitt metru 'l bogħod minn skola; (3) li kellu ukoll pussess ta' raża meħuda mill-pjanta *cannabis*; u (4) li kien reċidiv;

L-ewwel rikors għal-liberta' provvisorja sar fis-6 ta' Frar, 1995. Il-Qorti qatgħet dwar dan ir-rikors l-għada stess, fis-7 ta' Frar, 1995 u ċaħditu "għar-raġunijiet mogħtija mill-Avukat Ġenerali".

Dawn ir-raġunijiet kienu: (1) illi, skond il-Kap. 101, ir-rikorrent ma setax jingħata l-ħelsien mill-arrest f'dak l-istadju (l-artikolu 27 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) jgħid li ma tingħatax *liberta' provvisorja qabel l-għeluq ta' għoxrin jum minn meta persuna titressaq b'arrest akkużata *inter alia* b'bejgħ jew traffikar ta' mediċina kontra l-Ordinanza; (2) illi kien hemm il-perikolu li jerġa' jagħmel l-istess reat, li huwa reat serju ħafna u jħalli ħafna qligħ; (3) illi kien hemm il-perikolu li l-imputat javviċina lix-xhieda, aktar u aktar meta dawn jiddependu fuqu għall-provvista tad-droga li biha huma vvizzjati; u (4) illi kien hemm il-perikolu li l-imputat jaħrab jew jinħeba;

Ix-xhieda bdew jinstemgħu fil-15 ta' Frar, 1995 u dakinhar il-pulizija ressqu għoxrin xhud. Is-smigħ tħalla għall-20 ta' Frar, 1995 meta nstemgħu tnax-il xhud u nħatar espert biex jagħmel investigazzjonijiet finanzjarji;

Fl-20 ta' Frar, 1995 ukoll sar rikors ieħor għall-ħelsien mill-arrest. Dan kien miċħud l-għada, il-21 ta' Frar, 1995, u l-Qorti tat dawn ir-raġunijiet: (1) illi r-reat li bih kien akkużat kien wieħed gravi; (2) illi l-fedina penali tiegħu turi li kien ġa' kkundannat drabi oħra minħabba ksur tal-liġijiet dwar id-droga; u (3) illi kien hemm perikolu ta' inkwinament tal-provi;

Fil-21 ta' Frar, 1995 ukoll, il-Qorti tal-Maġistrati, billi kienet ingħalqet il-kumpilazzjoni tal-provi, iddeċidiet li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u ordnat li l-attijiet tal-kumpilazzjoni jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali. Fis-7 ta' Marzu, 1995, l-Avukat Ġenerali bagħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex din tkompli tisma' aktar xhieda tal-pulizija;

Ix-xhieda tkomplew jinstemgħu fl-10 ta' Marzu u dakinhar instemgħu sitt xhieda; tliet xhieda oħra, għalkemm imħarrka, ma dehrux;

Dakinhar ukoll, ir-rikorrent kien awtorizzat imur iżur lil Tracey Borg l-isptar, fil-preżenza ta' uffiċjali tal-pulizija;

Fl-10 ta' Marzu ukoll il-Qorti ordnat li l-atti, flimkien mal-provi l-ġodda miġbura jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali. Fl-24 ta' Marzu, 1995 l-Avukat Ġenerali reġa' bagħat l-atti lura lill-Qorti biex din tisma' aktar xhieda, fosthom l-espert li ma kienx għadu rrelata u dawk it-tliet xhieda li ma kinux dehru fl-10 ta' Marzu;

Is-smigħ tax-xhieda tkompla fit-30 ta' Marzu, 1995 u dakinhar xehdu erba' xhieda. Kienu mħarrkin ukoll żewġ xhieda oħra iżda r-referti relattivi kienu *negattivi. Il-Qorti ħatret ukoll espert forensiku* u espert arkitett;

Waqt is-seduta tat-30 ta' Marzu, 1995 ir-rikorrent reġa' għamel talba għall-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti, wara li qieset anke dak li qalu x-xhieda li nstemgħu dakinhar, kienet tal-fehma li ma kellhiex tibdel id-deċiżjoni tagħha u għalhekk ċaħdet din it-talba. Fost ix-xhieda li kienu nstemgħu dakinhar kien hemm Charles Gouder li stqarr li kien jixtri l-eroina mingħand ir-rikorrent;

Fit-30 ta' Marzu ukoll il-Qorti ordnat li l-atti, flimkien mal-provi l-ġoda miġbura, jintbagħtu lilll-Avukat Ġenerali. Fil-25 ta' April, 1995 l-Avukat Ġenerali reġa' bagħat l-atti lura lill-Qorti biex din tisma' aktar xhieda, fosthom l-esperti;

Is-smigħ tax-xhieda tkompla fit-3 ta' Mejju, 1995. Instemgħu

tliet xhieda; tnejn oħra ma kinux instabu u għalhekk ma dehrux. L-esperti qalu lill-Qorti li ma kinux għadhom lestew ir-rapport;

Saret seduta oħra fit-23 ta' Mejju, 1995. Xehed l-espert forensiku, li ppreżenta r-rapport tiegħu u xehed l-espert finanzjarju, li ppreżenta rapport parzjali. Xehed ukoll Brian Muscat;

Fit-23 ta' Mejju ukoll il-Qorti ordnat li l-atti, flimkien mal-provi l-ġodda miġbura, jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali. Fl-14 ta' Ġunju, 1995 l-Avukat Ġenerali reġa' bagħat l-atti lura lill-Qorti biex din tisma' aktar xhieda, fosthom l-espert arkitett u xhud li ma kienx instab biex jixhed fis-seduti ta' qabel;

Is-smigħ tax-xhieda tkompla fis-6 ta' Lulju, 1995. L-espert arkitett ippreżenta r-rapport tiegħu u l-espert finanzjarju ippreżenta r-rapport finali tiegħu. Xehed ukoll Noel Aquilina;

Fis-6 ta' Lulju ukoll, ir-rikorrent għamel talba oħra biex jingħata l-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti, wara li qieset il-gravita' tal-każ u li l-imputat ma jagħtix l-affidament meħtieġ, ċaħdet it-talba;

Fis-6 ta' Lulju ukoll il-Qorti ordnat li l-atti, flimkien mal-provi l-ġodda miġbura, jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali. Fil-21 ta' Awissu, 1995 l-Avukat Ġenerali reġa' bagħat l-atti lura lill-Qorti biex din tisma' aktar xhieda;

Is-smigħ tax-xhieda tkompla fit-28 ta' Awissu, 1995 u nstemgħu żewġ xhieda;

Fit-28 ta' Awissu ukoll il-Qorti ordnat li l-atti, flimkien mal-provi l-ġodda miġbura, jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali;

Fit-12 ta' Settembru, 1995 ir-rikorrent għamel rikors ieħor, din id-darba quddiem il-Qorti Kriminali, biex jingħata l-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti appuntat dan ir-rikors għat-trattazzjoni għall-15 ta' Settembru, 1995 iżda billi l-avukat tar-rikorrent ma deherx, għalkemm issejjaħ ħafna drabi, *iddifferiet għad-19* ta' Settembru. Fid-19 ta' Settembru ċaħdet ir-rikors "wara li kkunsidrat in-natura u l-gravita' tar-reati dedotti kontra r-rikorrent, billi mhix sodisfatta li, f'każ li tiġi milqugħa t-talba, ma jkunx hemm perikolu li r-rikorrent jinterferixxi max-xhieda jew b'xi mod jintralċja l-kors tal-ġustizzja jew li jikkommetti xi reat ieħor u billi l-proċeduri ma ħadux tul ta' żmien mhux raġonevoli";

Fil-5 ta' Ottubru, 1995 imbagħad ir-rikorrent ippreżenta r-rikors tal-lum. Meta kien għaddej is-smigħ tar-rikors, fis-16 ta' Ottubru, 1995 ġie ppreżentat fil-Qorti Kriminali, l-att ta' l-akkuża numru 11/95 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *versus* Joseph Grech u Traccy Borg**;

Issa, kif ga' ngħad, din il-Qorti trid tara jekk ir-raġunijiet miġjuba għala r-rikorrent għandu jinżamm arrestat humiex biżżejjed biex, ukoll wara li għadda dan iż-żmien li r-rikorrent ilu arrestat, jibqgħu jiġġustifikaw dan l-arrest sabiex iż-żmien li ilu arrestat jitqies bħala wieħed raġonevoli. Sal-lum, ir-rikorrent ilu arrestat mitejn u tlieta u sittin (263) jum, daqs tmien xhur u tliet ġimgħat;

Ir-raġunijiet li nġiebu sabiex ir-rikorrent jibqa' mċaħħad mil-*liberta' sejrin issa jitqiesu wieħed wieħed biex il-Qorti tara* għadhomx jiswew sal-lum;

Din ir-raġuni tiswa biss għal għoxrin jum wara li l-imputat jitressaq b'arrest u għalhekk illum m'għadhiex tgħodd. Fil-fatt, la

l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali u lanqas l-Avukat Ġenerali ma baqgħu jsemmu din ir-raġuni;

Raġuni oħra hija li, jekk jinħeles, ir-rikorrent jista' jerġa' jagħmel l-istess reat. Ir-rikorrent qed jgħid li din mhix raġuni valida għax tmur kontra l-preżunzjoni ta' l-innoċenza. Biex "jerġa'" jagħmel ir-reat, ir-rikorrent irid ikun ġa' għamlu qabel, iżda s'issa għadu biss akkużat li għamel ir-reat u preżunt innoċenti. Jekk il-Qorti tgħid li r-rikorrent jerġa' jagħmel ir-reat tkun ippreġudikat l-akkuża kontra tiegħu;

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Il-Konvenzjoni *Ewropeja, fl-artikolu 5 (1) (ċ), tippermetti li persuna tinżamm* arrestata "meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat"; mhux meħtieġ li jkun ġa' nstab li l-arrestat ikkommetta r-reat; huwa biżżejjed is-suspett raġonevoli li jikkommetti reat; mhux meħtieġ is-suspett li "jerġa'" jikkommetti reat;

Fil-każ tal-lum, is-suspett li r-rikorrent jista', jekk jinħeles, jikkommetti reat kontra l-liġi dwar id-drogi huwa suspett raġonevoli. Ġa' nstab ħati f'okkażjoni oħra li għamel reat bħal dak. Instemgħu ukoll xhieda li qalu li r-rikorrent taħom id-droga, u dan wara li kien ikkundannat fl-okkażjoni ta' qabel. Is-suspett, mibni fuq dak li raw il-pulizija u dak li qalu x-xhieda, li r-rikorrent għamel ir-reat li bih hu akkużat u s-suspett, mibni fuq dak li għamel f'okkażjonijiet oħra, li jerġa' jagħmel l-istess, huma suspetti raġonevoli li joħolqu ħtieġa urġenti li titħares is-soċjeta' kontra l-possibbilita' li r-rikorrent, ġa' suspettat li għamel reat u ġa' kkundannat f'okkażjoni oħra, jagħmel jew jerġa' jagħmel l-istess reat. Il-liġi tippermetti li, f'ċirkostanzi bħal dan, persuna tinżamm arrestata ukoll qabel ma

tkun ikkundannata u l-Qorti tkun qed tonqos mid-dmir tagħha jekk ma tagħmilx dak li trid il-liġi biex tħares lil min jista' jkun vittma potenzjali;

Il-Qorti hija tal-fehma ukoll li dan is-suspett għadu jiswa llum, wara tmien xhur u tliet ġimgħat li ilu arrestat ir-rikorrent, b'mod li dan iż-żmien ta' arrest ma jistax jitqies li mhux raġonevoli. Waqt l-eżami ta' l-*iter* tal-proċess kriminali, il-Qorti setgħet tara li l-proċeduri mxew b'ħeffa li hija kompatibbli ma' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Ma nħeliex żmien bla raġuni; darba biss ngħata differiment għalxejn, u dan kien meta l-avukat ta' l-istess rikorrent ma deherx. Għall-inqas sa issa, ma jistax jingħad li r-rikorrent iċċaħħad mil-liberta' għal żmien aktar milli raġonevoli, meta tqis iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw dan l-arrest;

Għalkemm dak li ġa' ngħad huwa biżżejjed biex ikun miċħud ir-rikors ta' Joseph Grech, il-Qorti xorta sejra, għall-kompletezza, tqis ir-raġunijiet l-oħra miġjuba mill-Qrati ta' Ġuridizzjoni Kriminali;

Raġuni oħra li tressqet hija li r-rikorrent jista' jinfluwixxi fuq ix-xhieda u jġiegħelhom jibdlu l-versjoni tagħhom. Kontra dan l-argument, ir-rikorrent qiegħed jgħid li, issa li l-kumpilazzjoni tal-provi ngħalqet u x-xhieda ġa' xehdu, il-perikolu ta' inkwinament tal-provi m'għadux jeżisti;

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument tar-rikorrent. L-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali jrid li x-xhieda jinstemgħu fil-Qorti u *viva voce*. Huwa minnu li l-artikolu 30A tal-Kap. 101, li kien miżjud bl-artikolu 19 ta' l-Att VI ta' l-1994, iħalli li ssir prova minn xhieda li kienu involuti f'xi reat kontra l-Ordinanza anke jekk dawn ma

jinstemgħux *viva voce*, iżda l-artikolu 30A tal-Kap. 101 jirregola biss l-ammissibilita' ta' din ix-xhieda; "tista'tinġieb bi prova". Jekk ix-xhieda jerġgħu jixhdu *viva voce* quddiem il-Qorti Kriminali u jibdlu l-versjoni tagħhom, m'hemm xejn fil-liġi li jgħid li awtomatikament għandha tkun skartata x-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti Kriminali u jitwemmen biss dak li qalu waqt il-kumpilazzjoni. Għalhekk, biex jonqos il-perikolu ta' konflitt bħal dan, ikun aħjar li x-xhieda jitbiegħdu mill-influwenza ta' dak li hu akkużat li tahom id-droga u li, għax hemm suspett qawwi li jistgħu jiddependu minnu għall-provvista tad-droga, jista' jkollu influwenza qawwija fuqhom u forsi jkun jista' ukoll iġiegħelhom jibdlu l-versjoni tagħhom. Il-Qorti hija sodisfatta ukoll li r-rikorrent ma *jagħtix l-affidament meħtieġ li ma jfittix li javviċina lix-xhieda*;

Din hija raġuni tajba għala r-rikorrent jinżamm arrestat sakemm jingħalqu l-proċeduri kontra tiegħu b'sentenza li tilliberah jew issibu ħati, iżda ma tfissirx li l-waqt li fih tingħata din is-sentenza jista' jibqa' jitwal bla limitu u l-akkużat jinżamm dejjem arrestat. Madankollu, fil-każ partikolari, kif ġa' ġie osservat, il-proċeduri ma twalux għal xejn; ma nħeliex żmien b'abbuż. Il-Qorti qiegħda tgħid dan mhux b'referenza għall-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali, iżda b'referenza għad-disposizzjoni ġerarkikament ogħla tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li, anke jekk tqis il-ħtieġa ta' ħarsien kontra l-perikolu ta' inkwinament tal-provi, sal-lum ir-rikorrent ma nżammx arrestat għal żmien aktar milli hu raġonevoli;

Raġuni oħra miġjuba hija li r-rikorrent jista' jaħrab u jinħeba;

Il-Qorti rat ir-rapport ta' l-espert finanzjarju fl-atti tal-

kumpilazzjoni mnejn jidher li r-rikorrent m'għandux beni f'dawn il-Gżejjer li jistgħu jorbtulu qalbu ma' hawn b'mod li tonqos it-tentazzjoni li jaħrab jew jinħeba. Min-naħa l-oħra, il-gravita' tar-reat li bih hu akkużat u l-piena li, jekk jinstab ħati, jista' jkun soġġett għaliha jistgħu jkunu inċentivi qawwija biżżejjed biex lir-rikorrent tiġih it-tentazzjoni li jfittex li jaħrab jew jinħeba;

Din il-Qorti għalhekk hija sodisfatta li anke din ir-raġuni tiġġustifika ċ-ċaħda tal-ħelsien mill-arrest u, meta tqis iż-żmien li ilu arrestat ir-rikorrent fid-dawl ta' din ir-raġuni, dan iż-żmien mhux itwal milli hu raġonevoli;

Raġuni oħra li tressqet hija l-gravit tar-reat li bih hu akkużat ir-rikorrent. Din ir-raġuni tkompli ssaħħaħ dik ta' qabilha; aktar mhu gravi r-reat aktar tkun iebsa l-piena l' jġib miegħu u għalhekk akbar ikun l-inċentiv li l-akkużat jaħrab biex ma jbatix il-konsegwenzi jekk jinsab ħati. Il-gravita' tar-reat issaħħaħ ukoll il-ħtieġa li l-akkużat jinżamm biex ma jagħmilx, jew ma jerġax jagħmel, dan ir-reat;

Din il-Qorti għalhekk hija sodisfatta li anke din ir-raġuni tiswa biex tiġġustifika t-tul ta' żmien li, sa issa, ilu arestat ir-rikorrent;

L-aħħar raġuni li tressqet hija mibnija fuq il-preċedenti penali tar-rikorrent, kif turi l-fedina penali tiegħu. Aktar milli raġuni awtonoma li waħedha tiġġustifika l-arrest, din ir-raġuni ssaħħaħ is-suspett li r-rikorrent jista' jerġa' jagħmel dak li ġa' kien ikkundannat dwaru darba oħra u li issa hu suspettat li reġa' għamel;

Għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi l-oħra ta' dan il-każ, anke din ir-raġuni tkompli turi li l-arrest tar-rikorrent sal-lum huwa

raġonevoli;

B'mod ġenerali, għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li hemm ċirkostanzi li jiġġustifikaw li lir-rikorrent ikun miċħud il-ħelsien mill-arrest, u li, sal-lum, mar sarx abbuż minn dawn iċ-ċirkostanzi, fis-sens li l-proċeduri tmexxew mingħajr ħela ta' żmien u b'ħeffa kompatibbli ma' amministrazzjoni bil-għaqal tal-ġustizzja;

Ilment ieħor tar-rikorrent hu li, bi ksur ta' l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropeja, m'hemmx Qorti li tiddeċidi malajr dwar il-legalita` ta' l-arrest tiegħu biex, jekk issib li dan imur kontra l-liġi, tordna li jinħeles;

Il-Qorti ma ssib ebda diffikolta` biex, mingħajr eżitazzjoni, tgħid li ma ssib ebda ksur ta' din id-disposizzjoni. Kif ġa` ngħad, ir-rikorrent, qabel dan ir-rikors tal-lum, għamel ħames talbiet għall-ħelsien mill-arrest. L-ewwel rikors sar fis-6 ta' Frar, 1995 u kien maqtugħ l-għada, fis-7 ta' Frar. It-tieni rikors sar fl-20 ta' Frar, 1995 u dan ukoll kien maqtugħ l-għada. Saret talba oħra fit-30 ta' Marzu, 1995 u dwar din ittieħdet deċiżjoni mill-Qorti tal-Maġistrati dakinhar stess. Ir-raba' talba saret fis-6 ta' Lulju, 1995 u anke dwar din ittieħdet deċiżjoni dakinhar stess. L-aħħar talba saret fit-12 ta' Settembru, 1995 quddiem il-Qorti Kriminali u din it-talba kellha tinstema' fil-15 ta' Settembru, li kien il-Ġimgħa. Billi dakinhar l-avukat tar-rikorrent ma deherx, is-smigħ tħalla għat-tlieta ta' wara, id-19 ta' Settembru u ngħatat deċiżjoni dakinhar. F'kull każ kienet Qorti li qatgħet dwar dawn it-talbiet u f'kull każ id-deċiżjoni ngħatat malajr;

Il-Qorti għalhekk taqta' dwar dan ir-rikors billi:

Tiċħad l-ewwel talba billi m'hemm ebda ksur ta' l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja; u għalhekk

Tiċħad it-tieni talba għax m'hemmx rimedji x'jingħataw, la ma kienx hemm ksur tal-liġi;

Tiċħad ukoll it-tielet talba għax m'hemm ebda ksur ta' l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropeja; u

*Tiċħad ukoll ir-raba' talba billi, la darba m'hemm ebda* vjolazzjoni, m'għandu jingħata ebda kumpens;

L-ispejjeż kollha jitħallsu mir-rikorrent;

Din il-Qorti dehrilha utili li tirriproduċi s-sentenza appellata mhux biss għax telenka b'mod ċar u preċiż l-*iter* kollu tal-proċeduri kontra l-appellant kif ukoll il-varji tentattivi li għamel biex jipprova jottjeni l-liberta' proviżorja imma ukoll għax din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha li hi tqis li hi ġusta li għandha tiġi kkonfermata. Ir-rikorrent appella fuq dawn l-aggravji:

"Hawn mhux biss kwistjoni ta' vjolazzjoni tal-Kodiċi Kriminali, imma hawn ukoll vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Huwa magħruf li dwar l-arrest preventiv kienu l-anglosassoni u n-nordiċi li dejjem emmnu fil-presunzjoni ta' l-innoċenza sakemm ikun hemm sentenza. Mhux emmnu, jew bħas-soltu stqarru li emmnu, imbagħad irranġaw skond kif jaqbel. Dan mhux fil-liġi biss. Is-sistema tagħna kienet u għadha intiża biex ikun hemm żmien li fih jibda u jintemm il-proċess. Xempju ċar ta' x'kienet l-intenzjoni u x'kellha tkun il-kumpilazzjoni ratu d-dinja dan l-aħħar fil-proċess

anglosassonu ta' O.J. Simpson. Għalhekk l-argumenti ta' l-esponenti dwar ir-rinviji huwa validu mhux biss fuq il-bażi ta' liġi kriminali imma fuq kollox fuq il-bażi ta' drittijiet fondamentali;

L-esponenti jagħmel referenza għar-raġunijiet li ġabet il-prosekuzzjoni u milqugħin mill-ewwel Qorti dwar iċ-ċaħda għal-liberta` provvisorja. Issir referenza għall-kriterji li l-Qorti Ewropeja għamlet fil-każ Letellier 1991;

Hija għal kollox falza l-assunzjoni li l-appellanti jista' jerġa' jikkommetti l-istess reat. B'dan l-argument ħadd m'għandu jieħu liberta` provvisorja, ħlief biss fil-każ ta' matriċidju, stante li wieħed ma jistax joqtol lil ommu darbtejn;

Il-perikolu ta' inwkinament tal-provi. Dan hu ta' ispirazzjoni taljana, fejn waqt l-investigazzjoni l-arrestat jinżamm taħt suspett sakemm ikun hemm soluzzjoni tal-każ. Jinżamm għalih bħala meta l-pulizija iżżomm suspettat f'ċella u lanqas ikellmu avukat. F'dan il-każ, bosta mix-xhieda jkunu deħlin u herġin il-ħabs minħabba l-vizzju tad-droga. Jekk hemm post fejn jiltaqa' max-xhieda huwa fil-ħabs stess;

Il-perikolu li jaħrab. Ċertament dan hu immaġinat. Ma kien hemm l-ebda prova li pprova jagħmel hekk;

Il-gravita` tar-reat. Kull reat għandu l-gravita` tiegħu. Din l-Onorabbli Qorti neħħiet id-divjet li tingħata liberta` provvisorja anke fl-omiċidju. X'hemm aktar gravi minn hekk?

L-esponenti qatt ma kien ikkundannat li għamel xi wieħed mir-reati li ngiebu kontra tiegħu llum. Il-kwistjoni tar-reċidiva mhux

argument li fuqu għandha tinċaħad il-liberta` anke meta wieħed jara fuq x'kienet il-kundanna preċedenti";

Tajjeb li jiġu qabel xejn ippreċiżati dawn id-dati:

Ir-rikorrent ġie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-2 ta' Frar, 1995;

Il-proċeduri tal-kumpilazzjoni tal-provi ġew definittivament konklużi fit-28 ta' Awissu, 1995, ftit aktar minn sitt xhur wara.

L-att ta' l-akkuża ġie ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fil-Qorti Kriminali fis-16 ta' Ottubru, 1995;

Jirriżulta li l-ġuri hu appuntat u skedat għas-smigħ mill-Qorti Kriminali għal Novembru 1996 - appena sena u għaxar xhur wara l-preżentata;

L-akkużi imputati lir-rikorrent huma ta' gravita` kbira li joffendu t-tessut soċjali. Hu akkużat b'pussess ta' droga perikoluża u li qassam l-eroina lill-persuni oħra u li dan għamlu anqas minn mitt metru 'l bogħod minn skola. Hu allegat ukoll li kellu pussess ta' raża meħuda mill-pjanta Cannabis u li kien reċidiv. Akkuża li jekk ipprovata timporta ġustament l-imposizzjoni ta' piena karċerarja li għandha tiġi applikata b'vigur biex isservi ta' eżempju u deterrent lill-akkużat misjub ħati u anke lil ħaddieħor. Hekk biss tista' s-soċjeta` tirriskatta lilha nfisha, tipproteġi lil uliedha u tikkumbatti dan il-flaġell modern li ndubbjament qed jherriha. Naturalment ir-rikorrent akkużat għandu jitqies u jiġi preżunt li hu innoċenti sakemm misjub ħati. Dan mhux bil-kliem biss imma ukoll bil-fatti. Hu għalhekk applikabbli l-prinċipju li jispetta l-

prosekuzzjoni li tipprova l-ħtija ta' l-akkużat u mhux ta' l-akkużat jipprova l-innoċenza tiegħu. Pero' dan il-prinċipju tal-preżunzjoni ta' l-innoċenza bl-ebda mod m'għandu jew jista' jiġi mtappan bil-fatt li l-persuna akkużata kienet taħt arrest preventiv. L-arrest preventiv, anke jekk hu ammess li jilledi l-liberta' tal-persuna akkużata hu permess f'soċjeta' demokratika u konsegwentement sanċit bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropeja bħala miżura meħtieġa, anke jekk odjuża, għall-protezzjoni tas-soċjeta' kontra d-delitti gravi kommessi kontra tagħha, biex tassigura li dawn jistgħu jiġu sewwa u sodisfaċentement investigati u puniti. Huwa dan il-bilanċ bejn id-dritt inaljenabbli u l-interess tas-soċjeta' ta' auto difiża u d-drittijiet fondamentali ta' l-individwu għall-ħelsien mill-arrest abbużiv li l-Qrati jridu jiddefinixxu u jippreservaw. Hu bl-iskop li jassiguraw dan il-bilanċ illi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni jistabbilixxu l-parametri ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, kif ukoll meta u sakemm hu ġustifikat li l-persuna akkużata tiġi mċaħħda minn ħelsien pendenti l-proċeduri kriminali kontra tagħha. Parametri li ġew elaborati fil-ġurisprudenza li ġiet sewwa analizzata u applikata mill-ewwel Qorti għall-każ in eżami;

*Sewwa jingħad illi l-fattispeċje ta' dan il-każ, fir-rigward tal-*meritu u ta' l-akkuża diretta kontra l-appellant, huma simili ħafna għal dawk fil-każ l-ieħor Kostituzzjonali fl-ismijiet **Emanuela Brincat *vs* Avukat Ġenerali** ukoll deċiż illum. Anke f'dik il-kawża l-appellanti lmentat minn vjolazzjoni tad-dritt tagħha għall-ħelsien mill-arrest preventiv pendenti l-proċeduri kriminali u dik it-talba ġiet miċħuda. Tant huma simili ż-żewġ każijiet illi l-premessi fir-rikors promotorju fil-preżenti istanza huma fis-sostanza l-istess bħal dawk f'dik il-kawża. Allura l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti f'dik il-kawża japplikaw kollha *mutatis mutandis* għal din il-kawża u mhux il-każ li jiġu hawn ripetuti. Qed issir allura ampja referenza

għalihom. Iżżid biss dawn il-konsiderazzjonijiet fil-qosor fir-rigward ta' l-aggravji ta' l-appellant;

Din il-Qorti temmen illi l-aqwa garanzija għad-*drittijiet* fondamentali ta' l-appellant, li tagħmel ġustizzja miegħu imma anke mas-soċjeta' li tkun ġarrbet l-offiża, hu li l-proċeduri kriminali kontra l-persuna indizjata bir-reat jiġu konklużi fl-iqsar żmien possibbli. Kull fejn, u sakemm dan hu possibbli, skond il-mezzi għad-disposizzjoni tagħha, din il-Qorti tagħmel dak li hu meħtieġ biex tassigura li dan isir. Ikun biss f'każ li dawn il-mezzi jew iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ma jkunux jistgħu jassiguraw proċeduri fi żmien raġonevoli li din il-Qorti *tikkonsidra* li *takkorda* l-ħelsien preventiv fit-termini ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Dana f'każijiet ta' din ix-xorta. Kif fuq ikkunsidrat, u kif ukoll ritenut fil-kawża **Brincat** *vs* **Avukat Ġenerali** ġa' ċċitata il-Qorti ma tqisx illi d-dewmien sal-lum traskors jista' jitqies li hu irraġonevoli. Żgur li l-appellant ma jistax jilmenta li kien hemm xi dewmien fil-proċeduri da parti tal-Qorti inkwirenti jew l-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali;

Fir-rigward tal-konsiderazzjoni tar-rekwiżit ta' żmien raġonevoli, hu llum assodat fil-ġurisprudenza illi "the factors which the Commission and Court have examined when determining whether a given proceeding has met the "reasonable time" standard are the complexity of a given case, the way the authorities handled the matter, aspects of the applicant's own conduct which may have contributed to any delays and special circumstances which may have justified prolonging the proceedings". *Fir-rigward tad-*detenzjoni preventiva fil-kontest tas-subinċiż 3 ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni "the Court has accepted as initial grounds for detention such factors as likelihood of flight from the jurisdiction

(**Neumeister** *vs* **Austria** (1968), **Stagmuller** *vs* **Austria** (1969) and **Matznetter** *vs* **Austria** (1969)) and the risk of the committal of further offences (Matznetter). (Short Guide to the European Convention of Human Rights, Donna Gomien (1991)). Raġunijiet ġustifikattivi avvanzati mill-appellati għaliex din il-Qorti għandha tqis bħala raġonevoli l-arrest preventiv ta' l-appellant ikkunsidrat in-natura tar-reati addebitati lilu u l-ħruxija tal-piena li għaliha jkun soġġett jekk jinstab ħati. F'dan ir-rigward din il-Qorti ma tarax għaliex għandha tiddisturba l-apprezzament korrett li għamlet l-ewwel Qorti. Dan naturalment ma jfissirx li l-appellant jista' jibqa' taħt arrest preventiv indefinittivament u din il-Qorti tirriservalu d-dritt li jerġa' jirrikorri quddiemha jekk għal xi raġuni l-proċess tal-ġuri ma jsirx kif programmat;

Għal dawn ir-raġunijiet l-Qorti tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.